KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Erbgha u Sebghin (74)*

***It-Tlieta, 17 ta' Ottubru, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo
Il-Kunsillier Keith Fenech

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**<u>MINUTI</u>**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-5:45pm***

**74.1 <u>Qari tal-ittri ta' apologiji</u>**

74.1.1 L-ittri ta' apologiji se jkunu prezentati fil-laqgha li jmiss.

**74.2 <u>Kuns*i*derazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;</u>**

74.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 73 li nzammet nhar l-Erbgha 20 ta' Settembru 2017.

74.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 73 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

74.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 73. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 73 gew approvati unanimament.

**74.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti</u>**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 74/2017 – Ottubru 2017***

74.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 74-2017 biċ-ċekkijiet numru 5795 sa 5826 li tammonta €26,341.54

74.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 74-2017 bl-ammont ta' €26,341.54

Proponent: il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: il-Kunsilliera Miriam Schembri

74.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 74-2017 ġiet approvata unanimament.

**74.4 Progett fiz-zona taz-Zebbug**

74.4.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti ta' progett li hu propost li jsir fiz-zona taz-zebbug. Dan il-progett se jsir mill-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta' Malta. F'din iz-zona huwa propost li jsir *picnic/camping zone* bil-facilitajiet kollha li hemm bzonn.

**74.5 Approvazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-Vacation Leave tas-Segretarju Ezekuttiv**

74.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li sa l-ahhar ta' Dicembru 2017 se jifdal 52.5 siegha akkumulati biex jiggeddu ghas-sena 2018. Il-Kunsill approva unanimament.

**74.6 Korrispondenza**

74.6.1 Tressqu diversi korrispondenzi dwar l-applikazzjonijiet tal-PA. Hadd mill-Kunsilliera ma kellu oggezzjonijiet.

74.6.2 Tressqet korrispondenza minghand l-E.T. President ta' Malta fejn il-Kunsill qed jigi mistieden biex jorganizza attivita' zghira fejn jigi identifikat post fejn se tinkiteb il-kelma *L-Istrina* ma l-art u n-nies huma mistiedna li jitfghu 2 ewros u jimlew il-kelma bil-muniti. Din l-attivita' ser issir bejn l-1 u 3 ta' Dicembru fejn il-Kunsill qabel li jinawgura presepju gdid fil-Pjazza, jigu mistiedna t-tfal tal-iskola biex jaghmlu carol singing madwar it-toroq tal-lokal, issir quddiesa ghat-tfal fuq iz-zuntier tal-Knisja, jigu mistiedna l-ghaqdiet lokali biex jesebixxu u jbieghu ikel tradizzjonali tal-Milied, kif ukoll isir bazaar. Il-kelma l-Istrina ghandha tinkiteb quddiem il-Knisja u l-Kunsill qabel li bhala spejjez ghat-tizjin tal-Milied u l-attivita' jikkonsma l-ispiza sa massimu ta' €5000.

74.6.3 Tressqet ukoll korrispondenza dwar jekk il-Kunsilliera mill-*allowance* taghhom jixtiequx li titnaqqas €2.33 fix-xahar li dawn jigu pprezentati lill-AKL biex jinghataw lill-E.T.President ta' Malta. Il-Kunsilliera prezenti ma xtaqux jippartecipaw.

74.6.4 Tressqet korrispondenza minghand il-kumpanija Green MT dwar kampanja li qed issir tal-gbir tal-kartuna tal-halib. Il-Kunsill qabel li jippartecipa.

74.6.5 Tressqet korrispondenza dwar *statement* minghand WSC fejn jindika li l-Kunsill ghandu jaghti is-somma ta' €10,469 tal-mains li kienu saru f'certu toroq fis-sena 2009. Il-Kunsill qabel li dan l-ammont ghandu jigi kkonfermat mal-Vici Sindku Emanuel Vassallo jekk kienx hemm xi arrangamenti minhabba li f'dik is-sena huwa kien Sindku tal-lokal filwaqt li jekk jigi konfermat li dawn l-ammonti qatt ma thallsu, ghandhom jigu mizjuda mal-kredituri fl-*accounts* tal-Kunsill.

74.6.6 Tressqet korrispondenza minghand l-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Tfal dwar attivita' li ghandha tigi organizzata fil-Jum Dinji tat-Tfal. Il-Kunsill qabel li jinforma l-iskola dwar din l-inizzjattiva.

74.6.7 Tressqet korrispondenza minghand persuna li jixtieq jorganizza klassijiet tal-Fitness. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha biex naraw il-proposti.

**74.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

74.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-iskema tal-housing sabiex jigu rrangati 4 blokok tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li jipartecipa.

74.7.2 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn titnaddaf iz-zona miftuha fi Triq il-Qattus, kif ukoll jittela l-hajt, u jsir dawl adekwat fiz-zona.

**74.8 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri**

74.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bzonn jinqata' l-haxix li hemm fi Triq ir-Rebbiegha.

74.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar l-ikla tal-anzjani fejn ipproponiet li ghal din is-sena, l-ikla ssir fit-30 ta' Dicembru 2017.

74.8.3 Is-Sindku Darren Abela semma li ghal din is-sena se jerga jsir il-fuljett li jinhareg f'Dicembru. Il-Kunsill qabel.

74.8.4 Il-Kunsilliera Miriam Schembri infurmat li l-comic book wasal fil-fazi finali u ghaldaqstant ipproponiet li jigu pprintajti madwar 500 kopja. Il-Kunsill qabel li tintalab stima ghall-500 kif ukoll ghal 1000 kopja. Il-Kunsilliera Miriam Schembri ukoll proponiet li tinghata kopja b'xejn lil xi tfal fl-iskola primarja. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

**74.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

74.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru 2017 fil-5:30pm

Il-Laqgha ntemmet fis-19:49pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |